MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2007

Appell Civili Numru. 1917/1998/1

**Charles Desira**

**v.**

**Emmanuela sive Lily Montebello**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur li in forza taghha wara li ppremetta illi:
"Peress illi l-konvenuta Emmanuela Montebello kienet giet nominata bhala prokuratrici specjali tal-attur huha Carmelo Desira.

“Peress li bhala prokuratrici l-istess Emmanuela Montebello ppreparat ‘statement of account’ datat 14 ta’ Lulju, 1998 rigward id-dhul taghha bhala prokuratrici ta’ l-attur.

“Peress li minn dan l-*istatement* jirrizulta li l-konvenuta ghandha taghti l-ammont ta’ Lm6,764.98 lill-attur.

“Peress li l-attur ma jaqbilx li mill-ammont li jidher fl-*istatement* in kwantu gew imnaqqsa l-ammonti ta’ Lm39.37 (tax on portion of land in Zejtun) Lm7.50 (extra tax on portion of land in Zejtun).

“Peress li l-konvenuta ghandha wkoll tirritorna l-ammont ta’ Lm820 mhallsa lilha in konnessjoni ma’ xiri ta’ art li qatt ma nxtara f’isem l-attur.

“Peress li ghalhekk il-konvenuta hija debitrici tal-attur fl-ammont totali ta’ sebat elef sitt mija wiehed u tlettin liri Maltin u hamsa u tmenin centezmi (Lm7,631.85).

“Peress li l-konvenuta qieghda tirrifjuta li taghti dan l-ammont lill-attur minghajr gustifikazzjoni legali u dan minkejja diversi interpellazzjonijiet:

“Tghid ghalhekk il-konvenuta ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex:

“1. tiddikjara li l-istess l-konvenuta hija debitrici tal-attur fl-ammont ta’ Lm7,631.85 rapprezentanti bilanc ta’ flus li gabret hi bhala prokuratrici tieghu.

“2. tikkundanna lill-istess konvenuta thallas l-ammont ta’ Lm7,631.85 lill-attur.

“l-imghax legali u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji datati 25 ta’ Gunju, 1998 u 3 ta’ Lulju, 1998 u dawk tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat fil-15 ta’ Settembru, 1998.”

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li in forza taghha eccepiet illi:
“1. illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda peress illi l-konvenuta m’hijiex debitrici ta’ l-ammont imsemmi.

“2. illi l-azzjoni hija ntiza biss biex tkun vessatorja fil-konfront tal-esponenti.

“3. B’riserva ghall-eccezzjonijiet ohra.

Rat it-talba rikonvenzjonali tal-konvenuta li in forza taghha wara li ppremettiet illi:
“Peress illi l-konvenuta kienet sielfet lil huha l-attur, *brevi manu*, is-somma ta’ ghaxart elef dollaru awstraljan;

“Peress illi l-attur kien ipprometta illi ser ihallas lura dan l-ammont lilu misluf flimkien ma’ imghax mwieghed minnu bir-rata t’elf dollaru awstraljan fis-sena;

“Peress illi l-attur ghalkemm debitament interpellat biex jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas ta’ l-ammonti dovuti huwa naqas li jaghmel dan;

“Peress illi l-attur naqas li jhallas lura l-ammont kollu u l-imghax dovut;

“Jghid l-attur, issa rikonvenut, ghala din il-Qorti ma ghandiex;

“(i) tiddikjara lill-attur rikonvenut debitur ta’ l-attrici ghall-ammont hekk likwidat minn din l-Onorabbili Qorti;

“(ii) tikkundanna lill-attur rikonvenut ihallas l-ammont hekk likwidat minn din l-Onorabbili Qorti.

“Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-attur minn issa ngunt ghas-subizzjoni.”

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ l-attur ghat-talba rikonvenzjonali tal-konvenuta li in forza taghha eccepixxa illi:

“1. Illi t-talbiet tal-konvenuta huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha ghaliex Charles Desira ma ghandu jaghti ebda ammont lill-konvenuta anzi ghandu jiehu minn ghandha l-ammont imsemmi fic-citazzjoni.

“2. Illi l-konvenuta qieghda tippretendi imghax bir-rata ta’ AUD1,000 fis-sena meta dan huwa illegali u meta ma kien hemm ebda ftehim dwar imghax.

“3. Illi l-ammont misluf lill-attur kien thallas kollu.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta’ Mejju 2004, li in forza taghha ddecidiet il-kawza hekk:
“billi tilqa’ t-talba attrici ghas-seba’ t’elef sitt mija u wiehed u tletin lira Maltija u hamsa u tmenin centezmi (Lm7,631.85) wara li jitnaqqsu mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250) cjoe` seba’ t’elef tlett mija u wiehed u tmenin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmi (Lm7,381.85), u tikkundanna lill-konvenuta thallas l-ammont ta’ seba’ t’elef tlett mija u wiehed u tmenin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmi (Lm7,381.85) lill-konvenut; tichad il-kontrotalba tal-konvenuta.”

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
”F’dina l-kawza l-attur qed jitlob somma ta’ flus bhala bilanc ta’ flus li l-konvenuta gabret bhala prokuratrici. Minn naha l-ohra l-konvenuta qed teccepixxi li hija m’ghandha taghti xejn lill-attur billi hu debitur lejha kif spjegat fil-kontrotalba taghha fejn qed titlob li jigi dikjarat li hu ghandu jaghti lura bilanc ta’ somma flus li kienet selfitu flimkien ma’ l-imghax.

**“Sottomissijoni ta’ l-attur**

“Skond l-attur, bhala fatt il-konvenuta mhux qed tikkontesta l-ammont mitlub imma qed tghid li l-ammont mhux dovut ghax l-attur huwa debitur taghha.

“L-attur qed jikkontesta li l-konvenuta zzommlu Lm820 billi fil-kuntratt li bih inxtara l-access ghal-ahwa l-attur ma jissemmiex.

“L-attur qed jissottometti li l-konvenuta ma tistax tpaci xi ammont li hi qed tippretendi li ghandha tiehu minghandu billi dan ma jistax isir skond l-artikolu 1197(1) u (2) tal-Kap 16.

“Dwar il-kontrotalba tal-konvenuta, hu qed jissottometti li l-konvenuta qed tammetti li rceviet AUD11,500 minghand l-attur ghalhekk is-self thallas kollu lura.

“Il-konvenuta qed tippretendi imghax bil 10% izda l-attur jirritjeni li ma kienx hemm ftehim fuq imghax u anke kieku l-ammont mitlub hu kontra l-ligi. Il-korrispondenza u kontroezami tal-konvenuta juru li hija kienet thallset ghas-saldu. Fil-korrispondenza l-konvenuta qatt ma ssemmi l-imghax.

**“Sottomissjonijiet tal-konvenuta**

“Il-konvenuta qed tissottometti li l-kontestazzjonijiet huma bazikament tnejn: (I) jekk l-attur ghadux debitur taghha fis-somma ta’ AUD10,000 li silfitu u l-imghaxijiet relattivi u (ii) jekk il-konvenuta ghandhiex taghtih is-somma ta’ Lm820 u Lm6,764.98 kif mitluba.

“Dwar l-ammont ta’ Lm820 il-konvenuta tirritjeni li kien gie deciz bejn l-ahwa kollha qabel ma saret id-divizjoni ta’ l-art tal-genituri taghhom, li kull wiehed mill-ahwa johrog sehem indaqs sabiex jinxtara dan il-feles art. L-attur kien gie nfurmat b’dan il-ftehim mill-konvenuta.

“Il-konvenuta kienet silfet AUD10,000 lill-attur u skond hi, l-attur kien ippromettilha (ara fol. 57) li ser ihallasha AUD1,000 imghax fl-ahhar tas-sena. Dwar ir-rata ta’ imghax dan is-self sar fl-Awstralja fejn hu permess rata ta’ imghax gholi li mhux kunsidrat bhala usura.

**“KONSIDERAZZJONIJIET**

**“Talba ta’ l-attur**

“Skond id-dokument a fol. 79 ME5 il-konvenuta qed tghid li l-bilanc dovut lill-attur hu ta’ Lm6,764.98. L-attur ma jaqbilx li minn dan l-ammont ghandu jitnaqqas l-ammont ta’ Lm39.37 (tax on portion of land in Zejtun) Lm7.50 (extra tax on portion of land in Zejtun) L-attur ukoll ma jaqbilx li l-konvenuta zzommlu l-ammont ta’ Lm820 mhallsa lilha in konnessjoni ma’ xiri ta’ art bhala access ghall-*plots*.

“Illi jirrizulta mill-provi fil-kuntratt Dok. Z2 a fol. 120 li bih inxtrat bicca art bhala access, li l-art qatt ma nxtrat f’isem l-attur. Skond mart l-attur:

““In Doc. FV1 a fo. 118 there are the plots 9 and 12 owned by her husband. The piece of land bought in part with her husband’s money is in front of plots 15 to 20 and in front of plot 1. (hedged in pencil). They did not benefit from this purchase since the land bought was not in front of the plots belonging to them”.

**“Skond l-attur:**

““*In the contractual documents in relation to the purchase of a strip of land did not include his name and that of his sisters, Angela, Carmela and Catherine. The plots which he had inherited did not require the ownership of an additional strip of land to enable building permits to be issued.*”

“Illi anke jekk l-attur seta’ b’xi mod ibbenefika mill-akkwist ta’ dina l-art, u kienet x’kienet ir-raguni ghaliex ismu ma tnizzilx, jibqa’ l-fatt li hu fuq il-kuntratt ma jidher imkien u legalment m’ghandu ebda dritt ghal dina l-art. Ghalhekk l-attur m’ghandux jehel spejjez in konnessjoni ma dina l-art li hu mhux sid taghha.

**“Kontrotalba - Self**

“Kwantu ghall-kwistjoni l-ohra jekk l-attur ghadux debitur tal-konvenuta fis-somma ta’ AUD10,000 li silfitu u l-

imghaxijiet relattivi, il-Qorti tibda biex tirrileva li fuq dina l-pretensjoni l-konvenuta mhux qed teccepixxi biss it-tpacija imma ghamlet kontrotalba ghal pretensjoni taghha ghalhekk is-sottomissjoni ta' l-attur li f'dan il-kaz it-tpacija ma tapplikax ma tistax tigi accettata.

"Mhux kontestat li l-konvenuta kienet silfet AUD10,000 lill-attur. Li mhux qed jaqblu l-partijiet huwa dwar jekk dana l-ammont thallasx kollu lura u jekk kienx miftiehem imghax fuq dina s-somma.

"Il-konvenuta qed tirritjeni li hija ghad ghandha tiehu AUD2,000 li fadal mill-AUD10,000 u AUD24,287 imghax fuq is-somma mislufa Dok. EM7 (ara fol. 53 para 59 u fol. 59). Dwar l-imghax il-konvenuta qed issostni li l-attur kien ippromettilha (ara ittra a fol. 57) li ser ihallasha AUD1,000 imghax fl-ahhar tas-sena.

"Dwar dana l-punt, mart l-attur spjegat x'kienet il-portata ta' dina l-parti ta l-ittra a fol. 57. Hi qalet hekk:

*""Defendant told her that she did not want any interest in respect of the loan and only wanted her money back when we could pay it. In 1985 she wrote to defendant and told her that we would try and pay some additional monies to her. Whilst the letter makes reference to interest, it was in fact not interest that we wanted to pay but some additional sum in appreciation of her kindness towards us*".

"Mill-provi prodotti jirrizulta li meta sar is-self ma kienx sar ftehim fuq l-imghax u jidher li dana sar billi dawn kienu relazzjonijiet bejn l-ahwa fejn wiehed kien jghin lill-iehor kif jista' fis-sitwazzjonijiet li kienu jkunu. (Ara f'dan is-sens anke x-xhieda ta' Salvu Desira) Jidher li l-kwistjoni ta' l-imghax inqalghet meta l-attur u ohtu nkisru u l-konvenuta mbaghad qajmet l-kwistjoni ta' l-imghax. Fil-korrispondenza li kienet tghaddi bejn il-partijiet meta kienu ghadhom f'relazzjonijiet tajbin, il-konvenuta qatt ma nsistiet li tithallas xi imghax. L-attur u martu kienu jafu li huma kellhom ihallsu lura s-somma mislufa u kienu lesti

anke li jikkumpensaw lil-konvenuta tal-pjacir li ghamlitilhom u jaghtuha somma bhala apprezzament.

“Dwar il-kwistjoni ta’ l-uzura li ssemmiet, jigi rilevat li jekk kuntratt ikun sar barra minn Malta, fejn hu ammess dak li ghalina hu uzura, jekk tigi mitluba l-ezekuzzjoni tal-kuntratt f’Malta, il-Qorti Maltija ma takkordax l-ezekuzzjoni ghall-uzura. (Vol 30 p 2 p 288).

“Jibqa’ l-kwistjoni jekk l-ammont misluf giex imhallas lura kollu. Mill-provi prodotti jirrizulta li l-attur kien hallas lill-konvenuta AUD3,500 f’Sydney. Il-konvenuta tirritjeni li dawn kienu imghax izda l-Qorti hi tal-fehma li dawn thallsu biex jinqata’ mill-ammont misluf u gew depozitati fl-*account* tal-konvenuta u mhux fl-*account* li l-konvenuta tghid li kien ghall-imghax. Barra dana l-ammont, l-attur kien qal lill-konvenuta biex izzomm Lm2,000 mill-biegh tal-plot. Ghalhekk bir-rata ta’ AUD4 = Lm1 (ara rata imsemmija mill-konvenuta a fol. 53 para. 59) l-attur jigi li kien ta’ lill-konvenuta b’kollox AUD11,500. Ghalhekk l-attur jigi li hallas lura l-ammont li huwa kien issellef.

“Il-Qorti tikkonkludi li l-kontrotalba tal-konvenuta ma tistax tigi milqugha. It-talba attrici ghandha tigi milquha b’dana pero’ li ghandhom jitnaqqsu mill-ammont dovut lill attur l-ammont ta’ AUD1,000 jew Lm250 li huwa kien accetta li jaghti lill-konvenuta bhala apprezzament ghas-self li kienet ghamlet mieghu.”

Rat ir-rikors ta’ l-appell tal-konvenuta;

Rat ir-risposta ta’ l-attur appellat;

Rat l-appell incidentali interpost mill-istess attur appellat;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi c-cirkostanzi li waslu ghal din il-kawza huma, ghal dak li jirrigwarda t-talba ta' l-attur, l-istess bhal dawk meritu tal-kawza fl-ismijiet **Bonnici v. Montebello**, citazzjoni numru 2098/98, deciza llum ukoll minn din il-Qorti. Jirrizulta, fil-fatt, li l-partijiet f'dawn iz-zewg kawzi huma whud mill-ahwa Desira li lkoll kienu ftehmu li jixtru bejniethom bicca art, li kienet tigi bejn bicca art li kienu wirtu minghand il-genituri taghhom u triq pubblika, sabiex l-art li kienu wirtu jkollha access ghat-triq. Dan il-ftehim kien wiehed verbali, u peress li kienet il-konvenuta li kienet qed tiehu hsieb l-akkwist ta' dik il-feles art, uhud mill-ahwa ghaddew somma flus lill-konvenuta sabiex din tkun tista' tixtri l-feles art, filwaqt li, fir-rigward ta' l-attur f'din il-kawza, peress li l-konvenuta kienet tiehu hsieb affarijiet ohra li jappartjenu lilu, zammet mill-flus li ghandha taghti lill-attur, sehem l-istess attur ghall-akkwist ta' din l-art.

Il-konvenuta, fil-fatt kienet, giet mahtura prokuratrici ta l-attur u meta ppreparat 'statement of account' li jgib id-data tal-14 Lulju 1998, irrikonoxxiet li ghandha tghaddi lill-attur huha s-somma ta' Lm6,764.98 bhala bilanc ta' l-amministrazzjoni taghha. Biex waslet ghal din is-somma, il-konvenuta zammet jew naqset is-somma ta' Lm866.87 rapprezentanti sehem l-attur (inkluz taxxa dovuta) ghall-akkwist tal-feles art in kwistjoni. L-attur oggezzjona ghal dan it-tnaqqis peress li fuq l-akkwist tal-feles art, ismu ma jidher imkien u ladarba hu ma akkwistax sehem mill-art, il-konvenuta ma ghandha ebda dritt izzomm "sehem" mill-prezz ta' l-art.

L-ewwel Qorti kienet accettat it-tezi ta' l-attur u osservat li ladarba huwa ma deherx bhala akkwirent fuq l-att ta' bejgh, ma ghandu ebda dritt ghal din l-art, u m'ghandux jehel spejjez in konnessjoni ma' l-akkwist ta' din l-art.

Il-konvenuta appellat minn dik is-sentenza bl-aggravju principali jkun li ladarba gie accettat li kien sar ftehim li l-bicca art tinxtara bis-sehem ta' l-ahwa kollha, u hekk fil-fatt sar, tant li dik l-istrixxa art serviet sabiex issir triq privata li minnha qed igawdu l-ahwa kollha, ma hemmx lok ghall-hlas lura ta' dawk il-flus hekk utilizzati.

Kif inghad, din il-kwistjoni giet trattata u deciza llum stess minn din il-Qorti fil-kawza l-ohra aktar qabel imsemmija, u din il-Qorti ma tarax li ghandha ghalfejn tirrepeti l-argumenti li gabet meta qablet ma' l-aggravju ta' l-appellanti. Ghal kull buon fini, din il-Qorti qeghda biss taghmel riferenzi ghall-motivazzjonijiet migjuba fil-kawza l-ohra li ghandhom jitqiesu li jghoddu wkoll ghal din il-kawza. Il-konkluzjoni milhuqa hi, li ladarba jirrizulta u hu ammess li bejn l-attur u l-konvenuta kien hemm ftehim li permezz tieghu l-istess konvenuta kellha tagixxi bhala mandatarja ta' hutha biex tixtri l-art, meta hi dehret fuq il-kuntratt ta' akkwist, hi kienet qed tagixxi ta' mandatarja *prestanome*. L-attur, ghalhekk, ghandu sehem indiviz mill-art in kwistjoni, u ghal dak is-sehem irid ihallas sehem mill-prezz. Dak li jrid isir issa hu att iehor biex l-ahwa li ma dehrux fuq il-kuntratt originali, ikollhom it-titolu taghhom registrat formalment. Id-dritt ta' l-attur li jitlob dan qed jigi lilu rizervat *si et quatenus*.

Kwindi, it-tnaqqis li ghamlet il-konvenuta mis-somma dovuta lill-attur kien wiehed regolari u sar a bazi tal-ftehim milhuq bejn l-ahwa. It-talba ta' l-attur, ghalhekk, ghandha tigi milqugha limitatament ghas-somma ammessa mill-konvenuta sa minn qabel ma nfehet din il-kawza, u cioe`, ghas-somma ta' Lm6,764.98.

Il-meritu tal-kontro-talba tal-konvenuta huwa indipendenti mill-ftehim li sar bejn l-ahwa ghall-akkwist tal-feles art meritu tat-talba ta' l-attur; il-konvenuta resqet kontro-talba f'din il-kawza biex issostni li s-somma li hi taccetta li ghandha tghaddi lill-attur (bhala l-bilanc mill-amministrazzjoni) ghandha tigi pacuta ma' somma li l-attur ghandu jirrifondilha minhabba self.

Mhux kuntestat li l-konvenuta kienet silfet is-somma ta' 10,000 dollari Awstraljani lill-attur. Lanqas ma hu kontestat li l-attur ta lura lill-konvenuta s-somma ta' 11,500 dollari Awstraljani. Il-kontestazzjoni ddur fuq jekk is-self sarx bi ftehim ta' hlas ta' imghax (u allura ghad fadal x'jithallas) u, f'kaz negattiv, jekk l-attur accettax li jaghti xi haga extra lill-konvenuta "bhala apprezzament".

L-ewwel Qorti ddecidiet li l-ftehim kien ta' self bla imghax, u li l-attur accetta li jaghti lill-konvenuta elf dollaru Awstraljan iehor talli din silfitu l-flus, u kkundannatu jaghmel dan il-pagament.

Il-konventua qed tappella u tinsisti li s-self kien bl-imghax, waqt li l-attur ressaq appell incidentali fis-sens li, filwaqt li jaccetta li hu kien offra li jaghtiha elf dollaru Awstraljan bhala apprezzament, jallega li dan il-pagament hu gia` ghamlu u m'ghandux jigi kkundannat jerga' jhallas somma bhal din.

Fuq l-ewwel kwistjoni, din il-Qorti tirrileva li skond l-Artikolu 1849 tal-Kodici Civili, "ma hemmx imghax ghall-mutwu jekk ma jkunx miftiehem". Kwindi, s-self fih innfsu ma jgibx mieghu l-obbligu tal-hlas ta' imghax u l-partijiet jridu jiftehmu fuq hlas ta' imghax biex l-istess ikun dovut. Ladarba hemm kontestazzjoni jekk kienx hemm ftehim fuq imghax, il-prova trid issir minn min qed jallega l-ezistenza ta' dan il-ftehim, f'dan il-kaz, il-konvenuta. L-ewwel Qorti, kif inghad, sabet fuq apprezzament tal-provi, li ma jirrizultax li sar ftehim fuq imghax, u din il-Qorti, wara li regghet ezaminat bir-reqqa l-provi prodotti, tara li l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti ma kienx wiehed zbaljat jew ingust. Din il-Qorti tara li s-self sehh meta bejn l-ahwa kien hemm relazzjonijiet tajba, u meta l-konvenuta dahlet biex tghin lill-attur huha li kellu bzonn il-flus. Ma jidhirx li sar diskors dwar hlas ta' imghax, u l-konvenuta qatt ma insistiet li tithallas l-imghax. Kien biss meta r-relazzjonijiet bejn l-ahwa hzienu, li l-konvenuta ssollevat il-kwistjoni ta' l-imghax. Fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi, l-ewwel Qorti kkonkludiet li l-konvenuta ma ppruvatx li marbut mal-ftehim ta' self kien hemm ftehim iehor ta' hlas ta' imghax, u fil-fehma ta' din il-Qorti ma jirrizulta xejn li jwassalha tiddisturba l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti fuq dan il-punt. L-appell tal-konvenuta fuq dan il-punt qieghed jigi, ghalhekk, michud.

Dwar l-appell incidentali ta' l-attur, din il-Qorti tara li, fil-fatt, dan ghandu ragun. Ladarba s-self kien ta' 10,000 dollari Awstraljani, u jirrizulta li l-attur irrifonda s-somma ta' 11,500 dollari Awstraljani, huwa mhux biss irritorna l-flus

mislufa, izda hallas ukoll dak li wieghed li jhallas “bhala apprezzament”.  Kwindi, l-attur ma hu obbligat ihallas xejn aktar lill-konvenuta.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appelli interposti, billi fl-ewwel lok, tilqa’ in parte l-appell principali mressaq mill-konvenuta, u, ghalhekk, tirriforma s-sentenza appellata billi tikkundannaha thallas lill-attur dak biss li jirrizulta mill-“istatement of account” minnha ppreparat fl-14 ta’ Lulju 1998, u cioe`, is-somma ta’ Lm6,764.98 (sitt elef seba’ mija erbgha’ u sittin lira u tmienja u disghin centezmu) u billi, fit-tieni lok, tilqa’ l-appell incidentali ta’ l-attur, u b’hekk tichad *in toto* t-talba rikonvenzjonali tal-konvenuta.

L-ispejjez kollha tal-kawza, inkluzi dawk ta’ prim istanza, fic-cirkostanzi, jithallsu nofs mill-attur u nofs mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------